MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 522/1997/1

**Joseph Harmsworth u b'digriet tat-31/5/99 gie trasfuz il-gudizzju min fuq Joseph Harmsworth li miet fil-mori tal-kawza ghal fuq uliedu Thomas Philip Harmsworth u Carmel Harmsworth; William, Elizabeth armla ta' Paul Bartoli, ahwa Haemsworth; Thomas, Emma mart John Attard, Charles, Angela mart Victor Meilaq, Rita mart Paul Borg, kunjom xbubithom Harmsworth, Gaetano Harmsworth, Vince Harmsworth, Renald Harmsworth u Harry Harmsworth, Mary mart John Vella, Anna mart Carmel Bonnici u Jane mart Emanuel Bugeja, kunjom xbubithom Harmsworth.**

**Vs**

**Gaetana Bezzina mart John Bezzina u l-istess John Bezzina u l-Avv. Joseph Bonello u P.L. Juliana Scerri Ferranti li fit-8 ta' April 1997 kienu appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-assenti Roger u Emanuel sive Samuel ahwa Harmsworth.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi premettew illi huma l-werrieta ex lege ta' Joseph Delali, guvni, li miet fit-22 ta' Jannar, 1994 fl-eta' ta' 88 sena. Illi minhabba l-marda protratta li kellu, huwa kien definittivament dementi zmien sewwa qabel miet, u dan kif jirrizulta waqt il-kawza.

Premess illi l-istess Joseph Delali kien gar u habib ta' Gaetana Bezzina li l-ewwel gieghlitu li jaghmlilha testment favur taghha, u wara, biex zgur ma tistenniex, ipprevaliet fuqu biex jaghmlilha prokura generali u bis-sahha taghha gibdet il-flus li kellu u kull depositu hekk kif kien qed jimmatura.

Premess illi kemm it-testmenti tieghu maghmulin fit-8 ta' Mejju, 1991, u kemm ta' warajh fl-24 ta' Mejju, 1991, u kemm il-prokura maghmula fl-4 ta' Ottubru, 1993, kienu nulli ab initio minhabba l-mard mentali tal-istess Joseph Delali.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara li t-testmenti ta' Joseph Delali maghmulin fit-8 ta' Mejju,1991, u kemm ta' warajh fl-24 ta' Mejju,1991, u kemm il-prokura maghmula fl-4 ta' Ottubru,1993, huma u kienu nulli ab initio minhabba l-mard mentali tal-istess Joseph Delali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 25 tal-process fejn eccepew:

1. Illi d-domandi kontenuti fic-citazzjoni huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u ghandhom jigu respinti peress illi Joseph Delali kien bniedem bil-ghaqal u ma kien affett minn ebda mard mentali li effettwa il-kapacita’ tieghu li jaghmel testment u prokura.

**2.** Salvi eccezzjonijiet ohra, u b’rizerva ghal kull dritt li l-eccipjenti jista’ jkollhom ghal kull ma ghamlu ma l-istess Joseph Delali.

Rat id-digriet a fol. 20 u 142;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**LIGI**

L-artikolu 597 tal-Kap 16 jipprovvdi li huma nkapaci li jiddisponu b’testment :

(d) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f’sensihom fiz-zmien tat-testment.

Il-principji li japplikaw f’kazijiet ta’ mpunjazzjoni ta’ testmenti minhabba insanita’ mentali tat-testatur huma:
1. Illi l-kapacita’ li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita’ hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita’; liema presunzjoni hija “juris tantum”;
2. Illi huma nkapaci li jiddisponu b’testment dawk li fi zmien it-testment ma jkunux f’sensihom, u illi l-inkapacita’ tat-testatur ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja t’testment;
3. Illi biex it-testatur ikun kapaci jaghmel testment ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x’inhu jaghmel;
4. Illi biex tigi stabbilita l-insanita’ mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;

5. Illi l-Qrati taghna dejjem kienu riluttanti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita' mentali tat-testatur jekk dik l-inkapacita' ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment (Vol 34 p 108 App Vassallo vs Dr.V.Sammut 24 ta' April 1950 u Vol 30 p 1 p 176 App Formosa vs Axiak 20 ta' Gunju 1938).

Ir-ragjonevolezza tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment hija wahda mill kriterji li ghandhom iwasslu lill gudikant biex jiddeciedi dwar l-insanita' mentali jew le tat-testatur, jigifieri biex jiddeciedi jekk fil-waqt li kien qieghed jaghmel it-testment, it-testatur kellux kuxjenza bizzejjed ta' dak li kien qieghed jaghmel u volonta' li jiddetta dawk id-disposizzjonijiet li hemm fit-testment.

**KONTESTAZZJONI**

Fil-kaz in ezami l-atturi qed jikkontendu li t-testmenti ta' Joseph Delali maghmulin fit-8 ta' Mejju,1991, u fl-24 ta' Mejju,1991, u l-prokura maghmula fl-4 ta' Ottubru,1993, huma u kienu nulli ab initio minhabba l-mard mentali tal-istess Joseph Delali.

Il-konvenuti eccepew li Delali ma kien affett minn ebda mard mentali li effettwa il-kapacita' tieghu li jaghmel testment u prokura.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar iz-zewg testmenti kontestati xehed in-Nutar Francis Micallef li rredigihom. Hu ma ftakarx dettalji dwar id-disposizzjonijiet tat-testment imma qal li ghalkemm Delali kien avvanzat fl-eta,' hu kien jaf x'inhu jaghmel (fol. 168).

Jirrizulta mill-provi li fl-okkazzjoni ta' l-ewwel testment kien Paul Saliba li rranga ghall appuntament man-Nutar, mentri fit-tieni okkazzjoni kien l-istess Delali wahdu li kien irranga man-Nutar biex jaghmel it-tieni testment. Fiz-zewg

okkazzjonijiet kien l-istess Delali li qal lin-Nutar x’ried li jitnizzel fit-testment.

Dwar il-prokura xehed in-Nutar Charles Mangion li qal li hu kien irrediga l-prokura a fol. 9. Spjega li hu jfisser lil dak li jkun xi jfisser dak li jkun qed jaghmel, u f’dan il-kaz kienet prokura u jekk jaccetta jaghmilha. Dwar dan il-kaz ma jiftakar xejn partikolari, imma kieku kellu xi dubbji ma kienx jaccetta li jaghmel il-prokura - fol. 172.

Il-habib ta’ Delali u ezekutur testamentarju tieghu sakemm ma rrinunzjax ghall dana l-inkarigu, xehed a fol. 124, li sal-1991 meta saru z-zewg testmenti ghand in-Nutar Micallef Delali kien ghadu tajjeb... Hu kien prezenti meta sar it-testment ghand in-Nutar Francis Micallef u kien gie nominat esekutur testamentarju. It-testment kien inqara lill Delali u dan m’ghaddiex kummenti. Gaetana Bezzina kienet prezenti wkoll. Imbaghad kien sar testment iehor, izda f’dik l-okkazzjoni, ma kienx prezenti …. Meta Delali ghamel it-tieni testment dan kien jaf x’qed jaghmel ukoll.

Dwar x’tip ta’ persuna kien Delali u l-istat ta’ sahha tieghu, l-Qorti trid tezamina dana fil-kuntest ta’ certi perjodi ta’ zmien ta’ hajtu.

Elizabeth Bartoli, in-neputija ta’ Delali, xehdet li hi kienet baqghet tghinu sal-1991, imbaghad mardet ghal xi zmien u minflok dahlet il-konvenuta Bezzina li bdiet tiehu hsiebhu. Bezzina xehdet li Delali ried li l-familjari tieghu jiehdu hsiebu, imma l-ebda wahda minnhom ma kienet lesta li tghinu, jekk mhux b’xi vizita ‘l hawn u ‘l hemm. Ghalhekk kien talab lill Bezzina u dina accettat u bdiet iddur bih. Ghal dana Delali ried jikkumpensaha. Il-familjari ta’ Delali, cioe’ l-atturi ma baqghux jersqu ‘l hemm (ara xhieda tal-konvenuti u ta’ Zammit fol. 181, u Cilia fol. 183 u 189) u fil-fatt dawn lanqas kienu jafu li Delali kien miet jew biex miet, u kien biss Paul Saliba li qalilhom bil-mewt tieghu.

Skond Bartoli, f’dak iz-zmien, cioe’ fil-1991, Delali kien johrog kuljum u ma tantx kont issibu d-dar (fol. 49). Dan gie konfermat minn diversi xhieda li gew prodotti, li

kkonfermaw wkoll li Delali kien bniedem b’sahhtu (Bonnici fol. 43); indipendenti u jhobb jaghmel l-affarijiet tieghu wahdu (fol. 131); kien izomm konversazzjoni (Micallef fol. 179) u (Zammit fol. 181); kien imur l-kazini, il-bank, jimla l-Income Tax Return u jmur ihallas id-Dipartiment; ihobb l-opra u jaqra u kellu pet li gie permess li jzommu anke meta kien rikoverat l-isptar.

Delali kien bniedem avvanzat fiz-zmien, u kellu mard fiziku imma ma kienx jidher li kellu mard mentali. Fil-perjodu meta kienet tiehu hsiebu l-konvenuta, Delali kien attiv u mohhu ghadu tajjeb. Dan xehdu l-istess habib tieghu Paul Saliba.

Skond il-konvenuti, Delali kien mar lura l-ahhar sitt xhur ta’ hajtu, cioe’ minn Mejju, 1994 il quddiem. Maryanne Camenzuli li tahdem fid-Dipartiment tat-Taxxi xehdet li Delali kien imur id-Dipartiment tat-Taxxa tlett darbiet fis-sena u kien ikun akkumpanjat mill-konvenuta. L-ahhar li mar ghandha biex ihallas kien f’Gunju, 1994. Kien persuna anzjana izda mohhu kien qieghed hemm, u jisma bniedem x’ikun qed jghidlu; flus kienu jkunu fuqu. Kien jimxi wahdu bla walking aid.

Skond Paul Saliba (fol. 132) sal-1993 Delali kien ghadu jimla l-Income Tax Return u jiffirmaha. Mohhu kien tajjeb ferm.

Delali mbaghad gie rikoverat l-isptar u dahal Zammit Clapp f’Ottubru 1993 billi kienet intefhitlu siequ, imbaghad rega dahal hemm fl-4 ta’ Mejju, 1994 u dam sat-22 ta’ Awissu, 1994. Fl-ahhar rega dahal fis-16 ta’ Settembru, 1994 u baqa’ hemm sa ma miet fit-22 ta’ Ottubru, 1994 b’cardiorespiratory failure. Meta dahal f’Ottubru 1993 Delali kellu problema ta’ incontinency; kellu problemi tal Parkinson u ma setghax jara sew. Imbaghad meta rega dahal fil-1994 Delali rega’ dahal bl-istess problemi.

Dr. Fiorini xehed li mhux kompitu tieghu li jixhed dwar l-istat mentali ta’ pazjent izda hu seta josserva li Delali kien jirraguna ghalkemm kellu problema ta’ memorja (fol. 151). Qali li meta tkellmu kien jirrispondik. Delali kellu amorin u

huma kienu ghamlu eccezzjoni ghalih ghax mhux soltu jkollhom dawn it-tip ta’ pets hemm gew.

Maria Fenech, Principal Physiotherapist St. Vincent De Paule xehdet li sa Mejju, 1994 Delali kien *all right* (fol. 250).

Il-konvenut John Bezzina xehed, u ma giex kontradett, li fin 1994 Delali kien anke ivvota fl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, jigifieri li hu kien jikkwalifika bhala votant u ma kienx hemm oggezzjoni dwar l-istat ta’ sahtu.

Illi mill-istat tal-provi prodotti l-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-atturi gabu bhala prova, xi fatti precizi u univoci, li Delali, fil-mument li kien ghamel it-testment ma kienx san mentalment. Anzi l-provi juru li ghalkemm Delali kellu mard kroniku fiziku, hu ma kienx marid mentalment anzi jirrizulta li kien ghadu mhux hazin, u skond ix-xhieda prodotti kien juri li kien jaf x’qed jaghmel u xi jrid.

Iz-zewg Nutara li xehdu ma semmewx li Delali kien marid mentalment ghax kieku ma kienux jaghmlu l-atti relattivi.

Kwantu ghad-disposizzjonijiet testamentarji jirrizulta li ma hemm xejn li jindika li fil-waqt li Delali kien qieghed jaghmel it-testment, hu ma kellux kuxjenza bizzejjed ta’ dak li kien qieghed jaghmel u volonta’ li jiddetta dawk id-disposizzjonijiet li hemm fit-testment. Anzi jirrizulta li hu kien anke nnomina werrieta ohra barra l-konvenuta u lill habib tieghu nnominah esekutur testamentarju biex jiehu hsieb li l-volonta’ tieghu tigi esegwita.

Jirrizulta mill-provi li, tajjeb jew hazin, Delali hassu dispjacut li l-familjari tieghu ma kienux qed jersqu ghandu jghinuh u kienet biss il-gar tieghu l-konvenuta li bdiet tiehu hsiebu u ghalhekk ried jikkumpensaha.

Kwantu ghall allegazzjonijiet l-ohra maghmula mill-atturi fil-konfront tal-konvenuta, dwar flus u oggetti, dawn ma jidhlux fil-mertu ta’ dina l-kawza li hija dwar impunjazzjoni ta’ testmenti u prokura, minhabba allegat mard mentali ta’ Delali.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li t-testmenti ta' Joseph Delali maghmulin fit-8 ta' Mejju,1991, u fl-24 ta' Mejju,1991, u l-prokura maghmula fl-4 ta' Ottubru,1993, kienu nulli minhabba mard mentali ta' Joseph Delali.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

--------------------------------TMIEM--------------------------------